**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 480/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2190/1992)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-dsatax (19) ta Dicembru tas-sena elf disa mija tnejn u disghin (19-12- 1992) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".
2. Illi l-partijiet ilhom separati mill hamsa u ghoxrin (25) ta April tas-sena elfejn u sebgha (2007) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Sylvana Borg Caruana anness Dokument B

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar id- dsatax (19) ta Dicembru tas-sena elf disa mija tnejn u disghin (19-12-1992)
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill- istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tieghu espona:

1. Illi hija tikkonferma illi l-partijiet ilhom separati mil-ħamsa u għoxrin (25) t'April tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u dana permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana;

2. Illi hija tkkonferma li m'hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur;

3. Illi hija tikkonferma li l-manteniment dejjem tħallas b'mod puntwali u ma hemm l-ebda arretrati dovuti;

4. Illi għaldaqstant, taqbel li jeżistu l-kundizzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ma topponix għat-talba hekk kif dedotta fir-rikors promotur salv għal kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti tista' tipprovdi għalih;

5. Illi l-esponenti titlob ukoll illi mal-pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ, hija tiġi awtorizzata tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe 'Ciantar';

6. Illi madanakollu u mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponenti tirrileva illi r-rikorrent għandu mil-iktar fiss possibli jbiddel l-indirizz residenzjali minn fuq id-dar matrimonjali, liema dar hija assenjata lil esponenti skont il-kuntratt aktar 'il fuq imsemmi;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent tirreleva li hi ma għandhiex tbati kwalunkwe spejjeż ta' dawn il-proċeduri peress illi t-talba odjerna ġiet promossa mir-rikorrenti u għandha tiġi mħallsa minnu.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha talbet lill-Qorti biex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "Ciantar" u l-Qorti qeghda tilqa` din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provedimenti necessarji f'dan ir-rigward;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Dicembru 1992;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ghandu mill-aktar fis possibli jbiddel l-indirizz residenzjali minn fuq id-dar matrimonjali, madanakollu l-Qorti mhiex se

tippronunzja ruħha f'dan ir-rigward peress li dan il-fatt mhuwiex mertu ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.